37	C-0304-25	Renewal of Main/FIN-NET membership	26/05/2025	Financial Crime Information Network	€8,123
38	C-0310-25	Provision of Audio Visual Services	15/05/2025	Audience Limited	€8,180
39	C-0062-25	Provision of Parking Services	01/02/2025	Central Business District Foundation	€8,190
40	C-0097-25	Provision of Engineering and Design Services	13/02/2025	JC Engineering Consultancy	€8,495
41	C-0345-25	Provision of Catering Services	03/07/2025	Corinthia Caterers Ltd.	€8,962
42	C-0341-25	Provision of Meeting Tables and Chairs	27/06/2025	ABRA	€8,980
43	C-0322-25	Provision of Coaching Services	27/05/2025	Nathalie Tarbuck	€9,000
44	C-0316-25	Provision of Training Services	21/05/2025	Gentle Heart Ltd	€9,000
45	C-0312-25	Provision of Coaching Services	21/05/2025	Scooty Initiatives Ltd	€9,000
46	C-0109-25	Registration for IOSCO Annual Meeting	12/05/2025	IOSCO	€9,000

Nru. *No.*	Nru. ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference No.*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
47	C-0277-25	Provision of Electrical Maintenance Services	02/01/2025	Emanuel Lautier	€9,000
48	C-0314-25	Provision of Coaching Services	14/05/2025	Marketing and Coaching Kreijkamp	€9,000
49	C-0153-25	Provision of MFSA Merchandise	11/03/2025	Event Planner Co Ltd	€9,053
50	C-0144-25	Provision of Conference Services	11/03/2025	Radisson SAS Bay Point Resort Hotel	€9,076
51	C-0323-25	Provision of additional Atlassian Licenses	15/05/2025	Atlassian Pty Ltd	€9,131
52	C-0285-25	Renewal of Shireburn Indigo Payroll Licenses	03/02/2025	Shireburn Software Limited	€9,315
53	C-0188-25	Provision of Training Services	26/03/2025	Blockchain Intelligence Group	€9,431
54	C-0349-25	Renewal to The Economist subscription	02/07/2025	The Economist Newspaper Ltd	€9,474
55	C-0234-25	Renewal of ManageEngine licenses	16/04/2025	Channel IT Malta Ltd	€9,490
56	C-0298-25	Provision of Catering Services	02/05/2025	Bahia Restaurant	€9,915
57	C-0091-25	Provision of Fuel	27/01/2025	Seaview & Sons Ltd. - Pitstop Pro.	€9,940
58	C-0299-25	Provision of Audio Visual Services	05/05/2025	Genaudio Ltd	€9,986
59	C-0325-25	Provision of Audio Visual Services	03/06/2025	Event Planner Co Ltd	€9,990
60	C-0111-25	Provision of a Pergola	20/02/2025	The Awnings Malta	€9,990
61	C-0089-25	Renewal to LinkedIn Learning Hub	30/01/2025	Linkedin Ireland Unlimited Company	€9,993
62	C-0061-25	Renewal to Job Slots and Dashboard Managers Services	02/01/2025	Linkedin Ireland Unlimited Company	€9,994
63	C-0207-25	Provision of Legal Services	15/04/2025	Cahil Gordon & Reindel (UK) LLP	€9,995
64	C-0220-25	Provision of Catering Services	17/04/2025	Elia Borg Bonaci Ltd	€9,999
65	C-0326-25	Provision of Training Services	05/06/2025	Professor Ian C. Woodward	€10,000.00
66	C-0311-25	Provision of Training Services	19/05/2025	Helen O'Meara Coaching	€10,000.00
67	C-0266-25	Provision of Training Services	07/04/2025	Prof. Dr. Jochen Menges	€10,000.00
68	C-0150-25	Provision of Professional Services	11/03/2025	David Leone Ganado	€10,000.00
69	C-0152-25	Provision of Coaching Services	11/03/2025	PsyPotential Ltd	€10,000.00
70	C-0151-25	Provision of Training Services	11/03/2025	Red Team Thinking	€10,000.00
71	C-0307-25	Provision of Coaching Services	06/05/2025	JS (International) Ltd	€10,000.00
72	PUR-ORD-2025-00326	Provision of Recruitment Services	25/03/2025	Konnekt Search and Selection Ltd	€6,438.00

Varjazzjonijiet Approvati/*Approved Variations*

Nru tar-Ref. tal-Kuntratt *Contract Ref. No.*	Titlu tal-Kuntratt/ Suġġett tal-Kuntratt *Contract Title/Subject of Contract*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Varjazzjoni % mill-Valur Oriġinali tal-Kuntratt *% Variation from Original Contract Value*	Valur Oriġinali tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Original Contract Value Excl. VAT*	Varjazzjoni f'€ Eskluża l-VAT *Variation in € Excl. VAT*	Valur Finali tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Final Contract Value Excl. VAT*
CT2202-23	Modification of pegged rates as per circular 13/24	06/01/2025	Simply Clean	1.16%	€505,183.41	€5,853.87	€511,037.28
CT2202-23	Modification of pegged rates as per circular 02/25	29/01/2025	Simply Clean	5.38%	€505,183.41	€27,160.56	€532,343.97
CT-2386-21	Modification additional licenses	11/02/2025	Squalio	0.79%	€1,244,813.00	€9,866.61	€1,254,679.61
SPD7-2023-042	Additional Services during peak hours	12/02/2025	Thomas Franks	16.67%	€98,490.60	€16,418.00	€114,908.60
MFSA-09-21	Ancillary Services and Court expenses for 2024 Audit	12/03/2025	CLA Malta	7.42%	€60,000.00	€4,450.00	€64,450.00
SPD7 /2022 /077	Integration Costs	13/12/2025	Logikview	4.31%	€92,712.00	€4,000.00	€96,712.00
SPD7 /2022 /077	Change Requests Hours	13/12/2025	Logikview	0.13%	€92,712.00	€121.00	€92,833.00
SPD7 /2022 /038	Pegged Rates 02/25	12/03/2025	Signal 8 Security Services	7.56%	€525,385.14	€39,731.68	€565,116.82
SPD7 /2024 /028	Pegged Rates 02/25	12/03/2025	Logikview	14.76%	€310,446.98	€45,822.24	€356,269.22

AĠENZIJA DWAR IL-FOND SOĊJALI U TAL-IŻVILUPP NAZZJONALI

Lista ta' direct orders mogħtija min-National Development and Social Fund matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2024 u t-31 ta' Diċembru, 2024, ippubblikata skont l-Artiklu 111 (2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku (S.L. 601.03) u skont ċ-ċirkulari tad-Dipartiment tal-Kuntratti Nru. 12/2021.

Il-11 ta' Lulju, 2025

NATIONAL DEVELOPMENT AND SOCIAL FUND

List of direct orders awarded by the National Development and Social Fund during the period between the 1st July, 2024 and 31st December, 2024, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations 2016 (S.L 601.03) and in accordance with Contracts Circular No. 12/2021.

11th July, 2025

Direct Orders

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem *Name*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
NDSF/03/2024	Provision of Professional Advice and Assistance	4th July 2024	KPMG	€9,240
NDSF/04/2024	Provision of Legal Assistance	4th July 2024	Ganado Advocates	€15,000
NDSF/05/2024	Provision of Specialised Advice and Assistance	11th October 2024	KPMG	€57,750
NDSF/06/2024	Provision of Audit Services – Separation of Financial Accounts	16th October 2024	RSM Malta	€8,000

DIPARTIMENT TAD-DWANA

Kuntratti għal servizzi mogħtija mid-Dipartiment tad-Dwana bejn l-€5,000 u l-€10,000 skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations (A.L. 352/2016).

Il-11 ta' Lulju, 2025

CUSTOMS DEPARTMENT

Contracts for service awarded by the Customs Department between €5,000 and €10,000, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

11th July, 2025

Ref. Nru *Ref. No.*	Suġġett *Subject*	Data tal-għotja *Awarded Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
Contract dated 1st July 2025	Contract for services for 6 months	1st July 2025	Mr Noel Bartolo	€12.50 per hour
Contract dated 1st July 2025	Contract for services for 6 months	1st July 2025	Mr Emanuel Cassar	€8.89 per hour
Contract dated 26th April 2025	Contract for services for 12 months	26th April 2025	Mr Sacha Borg	€18.94 per hour
Contract dated 1st July 2025	Contract for services for 6 months	1st July 2025	Mr Donald Cauchi	€14.35 per hour
Contract dated 1st July 2025	Contract for services for 6 months	1st July 2025	Mr Martin Debattista	€14.34 per hour

Ref. Nru *Ref. No.*	Suġġett *Subject*	Data tal-għotja *Awarded Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
Contract dated 1st July 2025	Contract for services for 6 months	1st July 2025	Mr Mario Ellul	€11.08 per hour
Contract dated 1st July 2025	Contract for services for 6 months	1st July 2025	Mr Aldo Mifsud	€16.20 per hour
Contract dated 1st July 2025	Contract for services for 6 months	1st July 2025	Ms Sandra Spagnol	€10.57 per hour
Contract dated 1st July 2025	Contract for services for 6 months	1st July 2025	Mr Albert Zammit	€16.20 per hour

KAMRA TAD-DEPUTATI

Parlament ta' Malta

Avviż ta' Direct Order

Skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti dwar ix-Xiri Pubbliku L.N. 352 tal-2016.

'Upgrade of Voice Gateways and CUCM Software covering a period of 36 months at the House of Representatives, Parliament of Malta, with ICT Solutions Ltd, Malta.'

It-Tlieta, 8 ta' Lulju, 2025, il-Ministeru għall-Finanzi approva talba tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, sabiex isir 'Upgrade of Voice Gateways and CUCM Software covering a period of 36 months', ma' ICT Solutions Ltd, 1, Triq il-Birrerija, L-Imrieħel BKR 3000, bi spiża ta' €52,957.70, VAT eskluża.

Il-11 ta' Lulju, 2025

KUNSILL LOKALI N-NADUR

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali n-Nadur jgħarraf illi t-toroq imsemmija se jkunu magħluqa għat-traffiku f'dawn il-ġranet:

Is-Sibtijiet mit-12 ta' Lulju, 2025 sal-aħħar ta' Settembru, 2025, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl – Triq it-Tlettax ta' Diċembru, Pjazza San Pietru u San Pawl u Pjazza Dun Martin Camilleri;

Mit-Tlieta, 19 ta' Awwissu, 2025 sal-Ħadd, 24 ta' Awwissu, 2025 – Triq il-Madonna ta' Fatima.

Il-11 ta' Lulju, 2025

THE HOUSE OF REPRESENTATIVES

Parliament of Malta

Notice of Direct Order

In terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations L.N. 352 of 2016.

Upgrade of Voice Gateways and CUCM Software covering a period of 36 months at the House of Representatives, Parliament of Malta, with ICT Solutions Ltd, Malta.

On Tuesday, 8th July, 2025, the Ministry for Finance approved a request from the House of Representatives, Parliament of Malta, to upgrade the Voice Gateways and CUCM Software, for a period of 36 months, at the House of Representatives, Parliament of Malta, with ICT Solutions Ltd, 1, Triq il-Birrerija, Mrieħel BKR 3000, for the sum of €52,957.70, excluding VAT.

11th July, 2025

NADUR LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Nadur Local Council notifies that the following streets will be closed to traffic during the following days:

Saturdays from 12th July, 2025 till the end of September, 2025, from 7.00 p.m. to midnight – Triq it-Tlettax ta' Diċembru, Pjazza San Pietru u San Pawl and Pjazza Dun Martin Camilleri;

From Tuesday, 19th August, 2025 to Sunday, 24th August, 2025 – Triq il-Madonna ta' Fatima.

11th July, 2025

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf li mis-7.00 a.m. tal-Ġimgħa, l-1 ta' Awwissu, 2025 sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 3 ta' Awwissu, 2025, Triq il-Kbira, Triq Brared kantuniera ma' Triq John Borg, Triq l-Imsida kantuniera ma' Triq Santu Rokku, Triq San Ġużepp, Triq l-Isqof Labini kantuniera ma' Triq John Borg u Triq iż-Żebbiegħ se jkunu magħluqin u parkeġġ fihom se jkun projbit.

Il-11 ta' Lulju, 2025

KUNSILL LOKALI BORMLA

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Bormla jgħarraf illi parkeġġ se jkun projbit fi Kwartier San Nikola (iż-żoni ta' quddiem u wara) u Triq Alessandra min-nhar il-Ħadd, 13 ta' Lulju, 2025, sa nhar il-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2025, u f'Suq Bonnici u ż-żoni tal-madwar (Triq Santa Margherita, Triq Matty Grima, Triq il-Gendus, Triq id-Dejqa u Misraħ Bormla) minn nhar it-Tlieta, 26 ta' Awwissu, 2025 sa nhar it-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2025.

Il-11 ta' Lulju, 2025

KUNSILL LOKALI L-MARSA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Marsa jgħarraf lill-pubbliku li parkeġġ mhux se jkun permess nhar il-Ħadd, 20 ta' Lulju, 2025, fi Triq il-Biċċerija mis-6.00 a.m. sat-8.00 p.m., Xatt il-Mollijiet mill-5.00 a.m. sat-8.00 p.m., Triq it-Tromba mis-6.00 a.m. sat-8.00 p.m., u Triq is-Salib tal-Marsa mis-6.00 a.m. sat-8.00 p.m., kif indikat bit-tabelli tan-'no parking'.

L-għeluq tat-toroq imsemmijin se jsir skont il-bżonn u uffiċjali tal-immaniġġjar tat-traffiku se jkunu fil-post biex jiddevjaw u jikkontrollaw il-fluss tat-traffiku.

Il-11 ta' Lulju, 2025

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviż li ġej għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2025.

Avviż Nru. 23. Għotja b'ċens temporanju għal perjodu ta' ħamsin (50) sena ta' boathouse bl-arja mhux inkluża tale

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Birkirkara Local Council notifies that from 7.00 a.m. of Friday, 1st August, 2025 to 2.00 a.m. of Sunday, 3rd August, 2025, Triq il-Kbira, Triq Brared corner with Triq John Borg, Triq l-Imsida corner with Triq Santu Rokku, Triq San Ġużepp, Triq l-Isqof Labini corner with Triq John Borg and Triq iż-Żebbiegħ will be closed and parking in these streets will be prohibited.

11th July, 2025

BORMLA LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Bormla Local Council notifies that parking will be prohibited in Saint Nicholas Married Quarters (front and back areas) and Triq Alessandra from Sunday, 13th July, 2025 to Thursday, 17th July, 2025 and in Suq Bonnici and the surrounding areas (Triq Santa Margherita, Triq Matty Grima, Triq il-Gendus, Triq id-Dejqa and Misraħ Bormla) from Tuesday, 26th August, 2025 to Monday, 1st September, 2025.

11th July, 2025

MARSA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Marsa Local Council notifies the general public that no parking will be allowed on Sunday, 20th July, 2025, in Triq il-Biċċerija from 6.00 a.m. to 8.00 p.m., Xatt il-Mollijiet from 5.00 a.m. to 8.00 p.m., Triq it-Tromba from 6.00 a.m. to 8.00 p.m., and Triq is-Salib tal-Marsa from 6.00 a.m. to 8.00 p.m., as indicated by 'no parking' signs.

Road closures of the mentioned streets will take place as required and traffic management officers will be on-site to divert and control the traffic flow.

11th July, 2025

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisement have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 17th July, 2025.

Advt No. 23. Grant on a temporary emphyteusis for a period of fifty (50) years of a boathouse without its own

quale f'Nru 9, Xatt it-Tiben, Il-Furjana, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0203. Dan il-fond irid jintuża għal boat building light industry (Class 5A of the Use Classes Order, 2014). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €24,498 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmint elef u mija u sitta u sittin ewro (€8,166) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorita' tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 24 ta' Lulju, 2025.

Avviż Nru. 24. Bejgħ tale quale tal-Fond Kummerċjali bl-arja mhux inkluża f'Nru 65, Triq San Duminku, Tas-Sliema, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0087. Din il-proprjetà hija mniffda mal-Fond f'Nri 66 u 66A, Triq San Duminku, Tas-Sliema, u dawn il-proprjetajiet flimkien jiffurmaw ħanut wieħed. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €9,200 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u disgħin elf ewro (€92,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 25. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale fit-Telgħa tax-Xemxija, ix-Xemxija, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.41_88_2. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u erbgħin elf u ħames mija u wieħed u sebgħin ewro (€42,571) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 26. Bejgħ tale quale ta' store bl-arja mhux inkluża f'Nru 18, Row E3, lil hemm minn Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.11_81_7_18. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,100 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u għaxart elef ewro (€110,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

airspace tale quale at No. 9, Xatt it-Tiben, Floriana, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0203. This premises is to be used for boat building light industry (Class 5A of the Use Classes Order, 2014). Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €24,498 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eight thousand and one hundred and sixty-six euro (€8,166) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 24th July, 2025.

Advt No. 24. Sale tale quale of the Commercial Premises without its own airspace at No. 65, Triq San Duminku, Tas-Sliema as shown edged in red on the plan P.D.2022_0087. This property is interconnected with the premises at Nos 66 and 66A, Triq San Duminku, Tas-Sliema, which together form of one whole shop. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €9,200 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ninety-two thousand euro (€92,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 25. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a Site tale quale at it-Telgha tax-Xemxija, Xemxija, in the limits of Saint Paul's Bay, as shown edged in red on the plan P.D.41_88_2. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of forty-two thousand and five hundred and seventy-one euro (€42,571) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 26. Sale tale quale of a store without it own airspace at No. 18, Row E3, off Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara, as shown edged in red on the plan P.D.11_81_7_18. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and ten thousand euro (€110,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

Il-11 ta' Lulju, 2025

IL-FONDAZZJONI TAL-KONKATIDRAL
TA' SAN ĠWANN

Sejħa għall-offerti

Il-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann tavża lil dawk li jixtiequ joffru l-offerta tagħhom għal Work Package C (WPC):

Provvista u installazzjoni ta' finaturi, restawr intern u MEP FIT-OUT, għall-estensjoni u restawr tal-Mużew tal-Konkatidral ta' San Ġwann (REF: STJCF002/25)

Id-dokumenti tal-Offerta jinkisbu minn (www.stjohnscocathedral.com/procurement).

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu bin-numru tat-telefown 2122 0536, jew permezz ta' ittra elettronika lil (info@stjohnscocathedral.com)

L-offerti magħluqa għandhom jiġu preżentati sal-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu, 2025, sa nofsinhar.

Il-11 ta' Lulju, 2025

Ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 14 ta' Lulju, 2025.

ERU0707U25 – Medicinals
ERU0707U25A – Medicinals
ERU0707U25B – Medicinals

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

11th July, 2025

THE ST JOHN'S CO-CATHEDRAL
FOUNDATION

Call for tenders

The St John's Co-Cathedral Foundation notifies prospective bidders to submit an offer for Work Package C (WPC):

Supply and installation of finishes, internal restoration and MEP FIT-OUT, for the extension and refurbishment of the St John's Co-Cathedral Museum (Ref: STJCF002/25)

Tender documents are available at (www.stjohnscocathedral.com/procurement).

Further details one may be obtained by telephone number 2122 0536, or by sending an email to (info@stjohnscocathedral.com).

Sealed tenders are to be submitted until Friday, 8th August, 2025, at noon.

11th July, 2025

Co-funded by the European Union

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 14th July, 2025.

ERU0707U25 – Medicinals
ERU0707U25A – Medicinals
ERU0707U25B – Medicinals

ERU0707U25C – Medicinals
ERU0707U25D – Medicinals
ERU0707U25E – Medicinals
ERU0707U25F – Medicinals
ERU0707U25G – Medicinals
ERU0707U25H – Devices
ERU0807U25 – Medicinals
ERU0807U25A – Medicinals
ERU0807U25B – Medicinals
ERU0807U25C – Devices
ERU0807U25D – Medicinals
ERU0807U25E – Medicinals
ERU0807U25F – Medicinals

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-11 ta' Lulju, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management)għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025.

ERU0907U25 – Medicinal
ERU0907U25A – Medicinal
ERU0907U25B – Medicinal
ERU0907U25C – Medicinal
ERU0907U25D – Medicinal
ERU0907U25E – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-11 ta' Lulju, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

Il-Kunsill Lokali Ħal Safi jgħarraf li:

Qiegħed jilqa' offerti għal dan il-kuntratt sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu, 2025, għal:

Avviż Nru T/SFI/3/2025. Bdil, provvista u installazzjoni ta' turf artifiċjali ġdid fi grawnd tal-futbol tal-5 a-side – Ħal Safi.

ERU0707U25C – Medicinals
ERU0707U25D – Medicinals
ERU0707U25E – Medicinals
ERU0707U25F – Medicinals
ERU0707U25G – Medicinals
ERU0707U25H – Devices
ERU0807U25 – Medicinals
ERU0807U25A – Medicinals
ERU0807U25B – Medicinals
ERU0807U25C – Devices
ERU0807U25D – Medicinals
ERU0807U25E – Medicinals
ERU0807U25F – Medicinals

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

11th July, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 15th July, 2025.

ERU0907U25 – Medicinal
ERU0907U25A – Medicinal
ERU0907U25B – Medicinal
ERU0907U25C – Medicinal
ERU0907U25D – Medicinal
ERU0907U25E – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

11th July, 2025

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

The Ħal Safi Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Safi Local Council through ePPS up to noon of Friday, 8th August, 2025, for the:

Advt No. T/SFI/3/2025. Replacement, supply and installation of new artificial turf at a 5 a-side football ground – Ħal Safi.

Sejħiet ta' offerti għandhom jintbagħtu pemezz tal-ePPS biss. Wieħed jista' jniżżel dan id-dokument mis-sit tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kjarifikazzjonijiet jew addenda għad-dokumenti se jidhru fuq l-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anki l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-11 ta' Lulju, 2025

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

11th July, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1756

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Ġunju, 2025, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 20 ta' Novembru, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-flat internament numerat numru wieħed (1) sitwat fis-sular terren elavat, li jifforma parti minn blokk ta' appartamenti u garaxx sottostanti, liema blokk huwa mingħajr numru uffiċjali u bl-isem Tower Reef, mibni fuq sit preċedentement okkupat mill-fondi bin-numru mija, tnejn u tmenin (182) u mija, tlieta u tmenin (183) fi Triq it-Torri, Tas-Sliema. Il-faċċata tħares lejn il-Grigal fuq Triq it-Torri u kkonfinat mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Adrian Mifsud u oħrajn u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Kurunell Cachia u oħrajn. Il-flat huwa sottostanti u sovrastanti proprjetà ta' terzi u inkluż mal-flat hemm id-dritt perpetwu kif ukoll sehem relattiv indiviż tal-partijiet komuni flimkien mas-sidien l-oħra tal-blokk li huma intiżi għall-użu komuni, inkluż d-daħla u l-entratura, it-taraġ u l-lift, iżda bl-esklużjoni tal-bejt u l-arja tal-blokka. Il-flat igawdi mid-drittijiet u hu suġġett għas-servitujiet riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu, inklużi t-twieqi, dritt ta' passaġġ tas-servizzi meħtieġa, pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, u wiring, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu u dan kif deskritt aħjar fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Josette Cauchi datat is-sebgħa u għoxrin ta' April, tas-sena elfejn u ħamsa (27.4.2005) u stmat li jiswa miljun u disgħa u għoxrin elf ewro (€1,029,000).

Il-fond huwa abitat minn terzi b'titolu in solidum ta' kommodat liema kuntratt ta' kommodat sar bi ftehim bil-fomm u għalhekk ma jeżistix kuntratt bil-miktub.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Cassar Emanuel (passaport Malti bin-numru 601465) u skont digrieti datati t-tnejn ta' Lulju, tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2.7.2024)

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 04th June, 2025, on the application of HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177), Thursday, 20th November, 2025 at half past ten in the morning (10:30 am), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

The flat internally numbered one (1), situated at elevated ground floor level, which flat forms part of a block of apartment and underlying garages, which block is without an official number and named Tower Reef, built on the site previously occupied by the tenements numbered one hundred and eighty two (182) and one hundred and eighty three (183) in Triq it-Torri, Tas-Sliema. The façade looks towards Northeast onto Triq it-Torri and is bounded on the southeast with property of Adrian Mifsud and others and on the north west by property of Colonel Cachia and others. The flat is overlying and underlying third party property and included with the said flat is the perpetual right as well as the relative undivided share with the other owners of the said block of the common parts which are intended for the common use, including the entrance and the entrance hall, the stairs and the lift, excluding however the roof and the airspace of the said block. The flat enjoys the rights and is subject to the servitudes resulting from its position, including the windows, the right of passage of the necessary services, pipes, drains and wiring, otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, and this as better described in the acts of Notary Josette Cauchi dated twenty seventh of April, of the year two thousand and five (27.4.2005) and is valued at one million and twenty nine thousand euro (€1,029,000).

The flat is inhabited by third parties with a title in solidum of commodatum which contract of commodatum does not exist.

The said tenement is the property of Cassar Emanuel (Maltese passport number 601465), and by decree dated second of July, of the year two thousand and twenty-four

u ħmistax ta' Ġunju, tas-sena elfejn u sbatax (15.6.2017) ġew maħtura Dott. Thea Lynn Cesare u PL Veronica Rossignaud rispettivament bħala deputati kuraturi għall-assenti.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 68/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 8 ta' Lulju, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(2.7.2024) and fifteenth of June, of the year two thousand and seventeen (15.6.2017) Dr Thea Lynn Cesare and LP Veronica Rossignaud were appointed respectively as deputy curators for the absent.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 68/2023.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 8th July, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1757

B'digriet tal-11 ta' Frar, 2025, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazżjoni (Kap. 12)

B'nota ppreżentata fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Marzu, 2023, minn Stephen Muscat (KI 264371M) u Maria Muscat née Zammit (KI 439369M) qegħdin jitolbu illi jidħlu bħala kredituri eżekutanti oħra fl-atti tas-subbasta numru 53/2021 fl-ismijiet Marie Anne Bezzina Busuttil (KI 72973M) vs Charter Properties Limited (C69311) fis-somma ta' erba' mija, sebgħa u sebgħin elf ewro (€477,000) bħala sorte, oltre l-imgħax legali dovut fuq is-sorte mill-1 ta' Jannar, 2022, u l-ispejjeż ġudizzjarji kollha liema kreditu għadu ma tħallasx u huwa kawtelat permezz ta' ipoteka ġudizzjarja ġenerali reġistrata fit-8 ta' Frar, 2023, bin-numru 2673/23.

Reġistru tal-Qorti Prim'Awla, illum it-Tlieta, 8 ta' Lulju, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree of the 11th February, 2025, given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By a note filed in the Civil Court, First Hall on the 27th March, 2023, by Stephen Muscat (ID 264371M) and Maria Muscat née Zammit (ID 439369M), they are asking to enter as other execution creditors in the acts of the judicial sale file number 53/2021 in the names Marie Anne Bezzina Busuttil (ID 72973M) vs Charter Properties Limited (C69311) in the sum of four hundred and seventy seven thousand euro (€477,000) as capital, besides legal interest due on the capital from the 1st of January, of the year 2022, and all the judicial costs and which credit is still not paid and which is secured by means of a general judicial hypothec registered on the 08th of February, of the year, 2023, with number 2673/23.

Registry of the Civil Court First Hall, today the Tuesday, 8th July, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1758

B'digriet tas-27 ta' Settembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-18 ta' Frar, 2025, fuq rikors ta' 35°14° Capital SCC plc (C105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2025, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-proprjetà hawn taħt deskritta:

By a decree given on the 27th September, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 18th February, 2025, on the application of 35°14° Capital SCC plc (C105471) acting on behalf of Cell Couros, Thursday, 17th July, 2025, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

L-appartament fi stat ta' ġebel u saqaf, internament immarkat bin-numru wieħed (1), li jinsab fl-ewwel sular (first floor) u li jifforma parti minn blokk ta' bini nnumerat ħamsa u tmenin (85) fi Triq il-Karmnu, kantuniera ma' Triq Titu Brandsma, Il-Fgura. L-appartament huwa sottostanti u sovrastanti proprjetà ta' terzi, bi dritt ta' użu perpetwu u mhux interrott mal-appartamenti l-oħra fl-istess blokk fosthom il-kuritur li jwassal għal taraġ u bokka tal-lift u jgawdi minn servitu ta' xaft fejn hemm il-komunikazzjoni għal provista tal-ilma u d-drenaġġ tal-kamra tal-banju u tal-ensuite, mingħajr l-arja tal-bejt, iżda mixtri bid-dritt li jiġu installati tank tal-ilma u dixx tas-satellita, kif ukoll bid-dritt għall-aċċess fejn ikun hemm bżonn ta' manutenzjoni u/jew tiswija ta' ħsarat tal-istess installazzjoni, ħieles minn kull xorta ta' ċens jew piżijiet oħra li jistgħu jikkompromettu jew jillimitaw l-użu tiegħu u dan kif deskritt fl-att tal-akkwist datat is-sittax ta' Lulju, tas-sena elfejn u tmienja (16.7.2008) fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Lia u stmat li jiswa mitejn u ħamsa u għoxrin elf ewro (€225,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Aquilina Carlos (KI 500489M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 37/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta 8 ta' Lulju, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The apartment in shell form, internally marked number one (1), situated at first floor level, and which forms part of a block of building numbered eighty five (85) in Carmel Street, corner with Triq Titu Brandsma, Fgura. The apartment overlies and underlies third party property, and has the right of perpetual and uninterrupted use with the other apartments in the block of buildings including the corridor leading to the stairs and the lift shaft, and enjoys from the shaft servitude where there is the communication for the water provision and drainage of the bathroom and of the ensuite, without its airspace, however bought with the right to install a water tank and a satellite dish, as well as with the right of access in case of maintenance and/or repairs of damages of the same installations, free from any ground rents or other burdens that may compromise or limit its use, and this as described in the acquisition act dated sixteenth July, of the year two thousand and eight (16.7.2008) in the acts of Notary Dr Joseph Lia and is valued at two hundred and twenty five thousand euro (€225,000).

The said tenement is the property of Aquilina Carlos (ID 0500489M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 37/2024.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 8th July, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1759

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' April, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 350/2025FDP, fl-ismijiet: Janez Lotrič et vs Gerhard Wolfgang Ammann, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Janez Lotrič (passaport Sloven numru PB1226724) et vs Gerhard Wolfgang Ammann (passaport Żvizzeru numru 4308905) ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-8 ta' April, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju ta' mhux aktar minn 15-il ġurnata wara d-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jidher fuq kuntratt nutarili mal-atturi, quddiem nutar Sloven jew/u Malti tal-għażla tal-atturi, permezz ta' liema ibigħ l-ishma tiegħu fil-kumpanija VALIANT, Trgovina, finance in svetovanje d.o.o., kumpanija tat-tip private Limited company (druzba z omejeno odgovornostjo), stabbilita taħt il-liġijiet tas-Slovenja, b'indirizz ta' Dunajska cesta 9,1000 Ljubljana,

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 15th April, 2025, in the records of the Sworn application number 350/2025FDP, in the names: Janez Lotrič et vs Gerhard Wolfgang Ammann, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Janez Lotrič (Slovenian passport number PB1226724) and Others vs Gerhard Wolfgang Ammann (Swiss passport number 4308905) filed in the Civil Court, First Hall on the 8th April, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Order the defendant so that within a short and peremptory period of not more than 15 days after the decision of this Honourable Court, appear on a notarial contract with the plaintiffs, before a Slovenian or/and Maltese notary of the choice of plaintiffs, by means of which he sells his shares in the company VALIANT, Trgovina, finance in svetovanje d.o.o., a company of the type private Limited company (druzba z omejeno odgovornostjo), established under the laws of Slovenia, with an address of Dunajska cesta 9,1000

Slovenia, b'numru ta' reġistrazzjoni 2147599000, lill-atturi f'ishma ugwali bejniethom (u ċoè nofs l-ishma tal-konvenut fl-imsemmija kumpanija jinbiegħu lill-attur Janez Lotrič, u n-nofs l-ieħor tal-ishma tal-konvenut fl-imsemmija kumpanija jinbiegħu lill-attriċi Ksenija Pirs Stupan), u liema kuntratt ikun miktub kif immarkat fir-rikors, jew sostantivament l-istess, inkwantu iservi għall-iskopijiet ta' reġistrazzjoni fis-Slovenja;

2. Tordna li fin-nuqqas illi l-konvenut jidher fuq il-kuntratt stipulat, fiż-żmien mogħti lilu minn din l-Onorabbli Qorti skont it-talba preċedenti, għandu jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet kompetenti fis-Slovenja, b'mod partikolari iżda mhux limitat dik l-awtorità li taġixxi bħala reġistratur tal-kumpaniji fis-Slovenja, illi dan il-kuntratt huwa eżegwibbli bil-firem biss tal-atturi, daqslikieku ġie ffirmat mill-konvenut ladarba jkollu mehmuż miegħu d-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti; u, jew fl-alternattiv, tinnomina avukat sabiex jidher hu f-isem il-konvenut fuq l-imsemmi kuntratt u jiffirmah b'mod li jkun ikkunsidrat li l-konvenut huwa marbut bis-sħiħ bil-kundizzjonijiet tiegħu, u dan taħt l-awtorità ta' din l-istess Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 350/2025FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-30 ta' Settembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Gerhard Wolfgang Ammann (passaport Żvizzeru numru 4308905), Landsbridge Mansions, BLK B, FL 8, Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Lulju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Ljubljana, Slovenia, with registration number 2147599000, to the plaintiffs in equal shares between them (and namely half of the shares of the defendant in the said company are sold to the plaintiff Janez Lotrič, and the other half of the shares of the defendant in the said company are sold to the plaintiff Ksenija Pirs Stupan), and which contract is written as marked in the application, or substantively the same, in so far as it serves for the purposes of registration in Slovenia;

2. Order that in default that the defendant appear on the contract stipulated, within the time given to him by this Honourable Court according to the previous demand, there should be considered by the competent authorities in Slovenia, in particular but not limited to that authority which acts as registrar of companies in Slovenia, that this contract is executable with the signatures only of the plaintiffs, as if it had been signed by the defendant once accompanied by the decision of this Honourable Court; and, or alternatively, appoint a lawyer to appear in the name of the defendant on the said contract and sign it in such a manner that it is considered that the defendant is bound in full by his conditions, and this under the authority of this same Honourable Court.

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 350/2025FDP in the names mentioned above is postponed to 30th September, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Gerhard Wolfgang Ammann (Swiss passport number 4308905), Landsbridge Mansions, BLK B, FL 8, Dawret il-Gżejjer, St Paul's Bay

Registry of the Superior Courts, today 9th July, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1760

B'digriet mogħti, mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Marzu, 2025, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 451/2022 fl-ismijiet Anthony Cesareo pro et noe, et vs Bella Luna Co. Limited (C13280) u l-Avukat tal-Istat, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' John Zammit bħala direttur ta' Bella Luna Co. Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 451/2022 ippreżentat fil-15 ta' Mejju, 2024, l-appellanti Sonia Cauchi (ID 180670M), Gordon Cesareo u Noreen Burroughes Cesareo ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-26 ta' April, 2024, billi l-Ewwel Qorti żbaljat għalkollox meta ddeċidiet li ma

By means of a decree delivered, by the Constitutional Court on the 26th March, 2025, in the records of Constitutional Application Number 451/2022 in the names Anthony Cesareo pro et noe, et vs Bella Luna Co. Limited (C13280) and the State Advocate, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on John Zammit as director of Bella Luna Co. Limited in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Constitutional Appeal Application number 451/2022 filed on the 15th May, 2024, the appellant Sonia Cauchi (ID 180670 M), Gordon Cesareo and Noreen Burroughes Cesareo felt aggrieved by the judgment of the First Hall Civil Court decided on the 26th April, 2024, as the First Court completely erred in deciding that there was

kien hemm l-ebda sproporzjon bejn dak li kienu rċevew ir-rikorrenti appellanti bħala kera mis-soċjetà Bella Luna Company Limited; u l-qorti naqset ukoll milli tiddeċiedi jekk hemmx sproporzjon bejn dak li l-appellanti qed jirċievu bħala kera mis-soċjetà msemmija u dak stmat mill-Perit Tekniku tal-Qorti.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu lil din l-Ornorabbli Qorti biex tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza msemmija tas-26 ta' April, 2024, u minflok tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tal-appellanti u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat billi tiddikjara li d-danni pekunjarji għandhom ikopru l-perijodu rilevanti mill-1987 sas-sena 2022 fl-ammont ta' mhux inqas minn €25,000 kif ukoll danni pekunjarji u tikkundanna lill-stess Avukat tal-Istat iħallas id-dannu subit mill-appellanti u tiddikjara li l-kumpannija Bella Luna Co. Limited ma għandhiex tkompli tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-kirja de quo.

Notifika: John Zammit qua direttur ta' Bella Luna Company Limited, 11 M'Dolores, Flat 1, Triq it-Tajjar, L-Imsida

Bella Luna Company Limited, Rosedale, Plott 29, Triq il-Keffa, Tal-Ibraġ, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 28 ta' April, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

no disproportion between what the appellant applicants had received as rent by the company Bella Luna company Limited and the court also failed to decide whether there is a disproportion between what the appellants are receiving as rent by the said company and that estimated by the Technical Referee of the Court.

Therefore, the appellants ask this Honourable Court to annul and revoke the said judgment of the 26th April, 2024, and instead to decide by upholding the appellants' request and condemn the State Advocate, and to declare that the pecuniary damages should cover the relevant period from 1987 to the year 2022 in the amount of not less than €25,000 as well as pecuniary damages and to order the State Advocate himself to pay the damages borne by the appellant and declare that the Bella Luna Co. Limited shall not continue to rely on the provisions of Cap. 69 of the Laws of Malta as regards the lease de quo.

Notification: John Zammit as director of Bella Luna Company Limited, 11 M'Dolores, Flat 1, Triq it-tajjar, Msida

Bella Luna Company Limited, Rosedale, Plot 29, Triq il-Keffa, Tal-Ibraġ, Swieqi

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 28th April, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1761

ARB/C086/2025 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-5 ta' Ġunju, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Nadia H. Vella, LLD). Kumpilazzjoni Numru 499/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ALEXANDER ANTHONY GIALANZE WHITEFORD, tattoo artist , ta' 42 sena, iben Alexander Frame Whiteford u Carmen Whiteford xebba Gialanze, imwieled l-Ingilterra, fil-29 ta' Novembru, 1982, u residenti fi Crescent Point, Mais 1, Triq il-Qajjieda, Is-Siġġiewi, u/jew 113, Madonna ta' Pinu, Triq Lorenzo Manchè, Ħ'Attard, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 44501L.

U

ANDRÈ FRENDO, xufier tat-taxi, ta' 33 sena, iben Ronnie Frendo u Rita Frendo xebba Theuma, imwieled

ARB/C086/2025 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 5th June, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Nadia H. Vella, LLD). Compilation Number 499/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

ALEXANDER ANTHONY GIALANZE WHITEFORD, tattooist, 42 years, son of Alexander Frame Whiteford and Carmen Whiteford née Gialanze, born in England on the 29th November, 1982, residing at Crescent Point, Mais 1, Triq il-Qajjieda, Siġġiewi, and/or 113, Madonna ta' Pinu, Triq Lorenzo Manchè, Ħ'Attard, and holder of a Maltese identity card bearing number 44501L.

AND

ANDRÈ FRENDO, taxi driver, 33 years, son of Ronnie Frendo and Rita Frendo née Theuma, born in Tal-Pietà,

Tal-Pietà, Malta, fis-7 ta' Marzu, 1992, u residenti f'95, Gianluca, Flat 6, Triq Joseph Abela Scolaro, Il-Ħamrun, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 171592M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija suġġetta għall-konfiska, u qed iżżomm u tipprojbixxi lill-imputati ALEXANDER ANTHONY GIALANZE WHITEFORD u ANDRÈ FRENDO milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw, jew b'xi mod ieħor ibiddlu jew jiddisponu minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tagħhom jew li tkun fil-pussess tagħhom sal-limitu ta':

Mija sebgħa u sittin elf u seba' mija u tmienja u erbgħin ewro (€167,748) fir-rigward tal-imputat ALEXANDER ANTHONY GIALANZE WHITEFORD;

Ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) fir-rigward tal-imputat ANDRÈ FRENDO,

u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36(1), fl-Artikolu (36(4)(b)(i), fl-Artikolu (16) u fl-Artikolu 36(7) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 7 ta' Lulju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Malta, on the 7th March, 1992, residing at 95, Gianluca, Flat 6, Triq Joseph Abela Scolaro, Ħamrun, and holder of a Maltese identity card bearing number 171592M.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to ALEXANDER ANTHONY GIALANZE WHITEFORD and ANDRÈ FRENDO and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise changing or disposing of any such property and of such other property owned by them or being in their possession up to the limit of:

One hundred, sixty seven thousand, seven hundred and forty eight euro (€167,748) with regards to the accused ALEXANDER ANTHONY GIALANZE WHITEFORD;

Fifty five thousand euro (€55,000) with regards to the accused ANDRÈ FRENDO,

and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 36(1), Article 36(4)(b)(i), Article 16 and Article 36(7) referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 7th July, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1762

ARB/C017/2025 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-30 ta' Ġunju, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni Numru 34/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

ARB/C017/2025 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 30th June, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 34/2025, in the case:

The Republic of Malta

Kontra

KEITH SCHEMBRI;

KONRAD MIZZI;

KARL CINI;

BRIAN TONNA;

YORGEN FENECH;

PAUL APAP BOLOGNA, managing director, ta' 53 sena, iben Michael Apap Bologna u Patricia Apap Bologna xebba Bianchi, imwieled Ħ'Attard, Malta fid-9 ta' Jannar, 1972, residenti ġewwa 18, Triq Lord Strickland, Ħ'Attard u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 70372M.

MARIO PULLICINO;

NEXIA BT LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

NEW ENERGY SUPPLY LIMITED;

U

OEGP LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat PAUL APAP BOLOGNA sabiex jesegwixxi s-segwenti pagamenti mill-kont tal-bank intestat f'isem terza parti li jispiċċa -3001 u miżmum mal-HSBC Bank (Malta) plc, u li ma għandhomx jitqiesu bħala parti mill-ammont annwali li l-imputat huwa intitolat jipperċepixxi, hekk kif imniżżla sussegwentement:

a) Pagamenti għall-arretrati dovuti fuq il-kont ta' self għad-dar li jispiċċa -4583 u miżmum mal-Bank of Valletta plc;

b) Pagament mensili fl-ammont ta' €3,434.58 fuq kont ta' self għad-dar intestat f'isem l-imputat u terza persuna li jispiċċa -4583 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Il-Qorti AWTORIZZAT ukoll lil Bank of Valletta plc sabiex jirċievi l-pagamenti imsemmija mill-kont tal-bank intestat f'isem terza parti li jispiċċa -3001 u li huwa miżmum mal-HSBC Bank (Malta) plc.

Illi din l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-ħlas tal-ispejjeż ta' €3,434.58 mensilment jibqa' jgħodd u jiswa għal kull meta jinqalgħu, mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppreżentat rikors kull darba li jkun hemm dawn l-imsemmija spejjeż.

Versus

KEITH SCHEMBRI;

KONRAD MIZZI;

KARL CINI;

BRIAN TONNA;

YORGEN FENECH;

PAUL APAP BOLOGNA, managing director, 53 years, son of Michael Apap Bologna and Patricia Apap Bologna née Bianchi, born in Attard, Malta on the 9th January, 1972, residing at 18, Triq Lord Strickland, Attard and holder of Maltese identity card bearing number 70372M.

MARIO PULLICINO;

NEXIA BT LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

NEW ENERGY SUPPLY LIMITED;

AND

OEGP LIMITED;

The Court AUTHORISES the accused PAUL APAP BOLOGNA to carry out the following payments from the bank account registered in the name of a third party ending -3001 and held at the HSBC Bank (Malta) plc, and which shall not form part of the annual amount which the accused is entitled to perceive, as listed hereunder:

a) Payment of the arrears due on the home loan account ending in -4583 and held at the Bank of Valletta plc;

b) Monthly payments of €3,434.58 for the home loan account registered in the name of the accused and a third party ending in -4583 and held at the Bank of Valletta plc.

The Court further AUTHORISES Bank of Valletta plc to receive the above mentioned payments from the bank account registered in the name of the third party ending in -3001 and held at the HSBC Bank (Malta) plc.

That this Court authorisation for the execution of the expenses of €3,434.58 per month shall remain valid and applicable each time these payments are due, without the need to submit an application every time these expenses are encountered.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fl-5 ta' Frar, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-14 ta' Frar, 2025, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Keith Schembri, Konrad Mizzi, Karl Cini, Brian Tonna, Yorgen Fenech, PAUL APAP BOLOGNA, Mario Pullicino, Nexia BT Limited, BTI Management Limited, New Energy Supply Limited, u OEGP Limited.

Illum 7 ta' Lulju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 5th February, 2025, which was published in the Government Gazette on the 14th February, 2025, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Keith Schembri, Konrad Mizzi, Karl Cini, Brian Tonna, Yorgen Fenech, PAUL APAP BOLOGNA, Mario Pullicino, Nexia BT Limited, BTI Management Limited, New Energy Supply Limited, and OEGP Limited.

Today 7th July, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1763

ARB/C085/2025 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-21 ta' April, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Ann Marie Thake, LLD). Kumpilazzjoni Numru 358/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MARK MALLIA, diżokkupat, ta' 37 sena, iben Francis Mallia u Alexandra Mallia xebba Ellul, imwieled Tal-Pietà, Malta, fil-5 ta' Marzu, 1988, u residenti fil-Faċilità Korretiva ta' Kordin, u/jew 63, Tal-Kappara, Block 2, Flat 3, Triq is-Sajjieda, Marsaskala, u/jew 97, Gnejna Mans, Block D, Flat 3, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żabbar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 126988M.

KARL MALLIA, jaħdem għal rasu, ta' 33 sena, iben Francis Mallia u Alexandra Mallia xebba Ellul, imwieled Tal-Pietà, Malta fil-11 ta' Awwissu, 1991, u residenti fi 63, Tal-Kappara, Block 2, Flat 3, Triq is-Sajjieda, Marsaskala, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 390991M.

U

ANNEMARIE MALLIA, 'senior data protection manager', ta' 28 sena, iben Francis Mallia u Alexandra Mallia xebba Ellul, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-23 ta' Ġunju, 1996, u residenti f'295, Flat 1, St Edward Street, Ħal Qormi, u/jew 63, Tal-Kappara, Block 2, Flat 3, Triq is-Sajjieda, Marsaskala, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 267096M.

ARB/C085/2025 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 21st April, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Ann Marie Thake, LLD). Compilation Number 358/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MARK MALLIA, unemployed, 37 years, son of Francis Mallia and Alexandra Mallia née Ellul, born in Tal-Pietà, Malta, on the 5th March, 1988, residing at Corrective Facility Kordin and/or 63, Tal-Kappara, Block 2, Flat 3, Triq is-Sajjieda, Marsaskala and/or 97, Gnejna Mans, Block D, Flat 3, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żabbar, and holder of a Maltese identity card bearing number 126988M.

KARL MALLIA, self-employed, 33 years, son of Francis Mallia and Alexandra Mallia née Ellul, born in Tal-Pietà, Malta on the 11th August, 1991, residing at 63, Tal-Kappara, Block 2, Flat 3, Triq is-Sajjieda, Marsaskala, and holder of a Maltese identity card bearing number 390991M.

AND

ANNEMARIE MALLIA, senior data protection manager, 28 years, daughter of Francis Mallia and Alexandra Mallia née Ellul, born in Tal-Pietà, Malta, on the 23rd June, 1996, residing at 295, Flat 1, St Edward Street, Ħal Qormi, and/or 63, Tal-Kappara, Block 2, Flat 3, Triq is-Sajjieda, Marsaskala, and holder of a Maltese identity card bearing number 267096M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija suġġetta għall-konfiska, u qed iżżomm u tipprojbixxi lill-imputati MARK MALLIA, KARL MALLIA, u ANNEMARIE MALLIA milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw, jew b'xi mod ieħor ibiddlu jew jiddisponu minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tagħhom jew li tkun fil-pussess tagħhom, u dan ai termini tal-Artikolu 36(1) u tal-Artikolu 36(4)(b)(i) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621, tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputati li jirċievu l-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,191 permezz tal-Avviż Legali 31 tal-2024 – Ordni tal-2024 li Jistabbilixxi l-Ammont Massimu Rilaxxjabbli lil Persuni li jkunu Suġġetti għal Ordnijiet ta' Sekwestru jew għal Ordnijiet ta' Qbid u Ffriżar taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€21,945) kull sena bħala l-ammont massimu, wara li l-imputati jindikaw b'nota min fejn se jipperċepixxu dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36(1) u fl-Artikolu 36(4)(b)(i) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 9 ta' Lulju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Court ORDERED the attachment of any property in the hands of third parties for which there is reasonable cause to believe that the property is subject to confiscation, and is restraining and prohibiting the accused MARK MALLIA, KARL MALLIA, and ANNEMARIE MALLIA from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise changing or disposing of any such property and of such other property owned by them or being in their possession, and this in terms and this in terms of Article 36(1) and Article 36(4)(b)(i) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount established by the Minister by order in the Government Gazette of Malta No. 21,191 through Legal Notice 31 of 2024 – Establishment of Maximum Amount which may be Released to Persons who are Subject to Attachment Orders or to Seizing and Freezing Orders under the Proceeds of Crime Act Order, 2024, of twenty-one thousand, nine hundred and forty-five euro (€21,945) annually as the maximum amount, after the accused indicate with a note from where they are perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 36(1) and Article 36(4)(b)(i) referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 9th July, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1764

ARB/C087/2025 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-30 ta' Ġunju, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Marseann Farrugia, LLD). Kumpilazzjoni Numru 456/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Ylenia Maria Scerri)

Kontra

DANIEL SAPIANO, recruiter, ta' 31 sena, iben Philip Sapiano u Rita Sapiano xebba Cassar, imwieled Tal-Pietà,

ARB/C087/2025 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 30th June, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Marseann Farrugia, LLD). Compilation Number 456/2022, in the case:

The Police
(Inspector Ylenia Maria Scerri)

Versus

DANIEL SAPIANO, recruiter, 29 years, son of Philip Sapiano and Rita Sapiano née Cassar, born in Tal-Pietà,

Malta, fit-18 ta' Awwissu, 1992, u residenti f'71, Ta' Guljetta, flat 4, Triq il-Barrieri, Iż-Żurrieq, u/jew Leiken Court, Flat 2, Triq il-Wileġ, San Pawl il-Baħar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 402692M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' DANIEL SAPIANO u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli sa limitu ta' tnejn u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€42,500) u dan ai termini tal-Artikolu 16, tal-Artikolu 36(7) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 7 ta' Lulju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Malta, on the 18th Awwissu, 1992, residing at 71, Ta' Guljetta, flat 4, Triq il-Barrieri, Żurrieq, and/or Leiken Court, Flat 2, Triq il-Wileġ, St Paul's Bay, and holder of a Maltese identity card bearing number 402692M.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to DANIEL SAPIANO and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property up to the limits of forty two thousand and five hundred euro (€42,500), and this in terms of Article 16 and Article 36(7) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 16 and Article 36(7) referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 7th July, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1765

ARB/C051/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Lulju, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni numru 430/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

STEFAN ELLUL, apprendistat, ta' 28 sena, iben John u Antonia xebba Axiaq, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-14 ta' Mejju, 1997, residenti f'120, Seaview Crt, P/H 2, Triq il-Gross, Marsaskala, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 193397M.

Il-Qorti TAWTORIZZA lill-imputat STEFAN ELLUL sabiex jesegwixxi l-pagament bl-ammont ta' €149.30 għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bin-numru tar-referenza P52041542-27 miżmuma minn MelitaUnipol Insurance

ARB/C051/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 3rd July, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 430/2021 in the case:

The Republic of Malta

Versus

STEFAN ELLUL, training, 28 years, son of John and Antonia née Axiaq, born in Tal-Pietà, Malta, on the 14th May, 1997, residing at 120, Seaview Crt, P/H 2, Triq il-Gross, Marsaskala, and holder of Maltese identity card bearing number 193397M.

The Court AUTHORIZES the accused STEFAN ELLUL to carry out the payment of €149.30 for the renewal of the home insurance policy with reference number P52041542-27 held with MeltaUnipol Insurance Agency Limited from

Agency Limited mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -3144 u miżmum mal-Bank of Valletta plc. Illi dawn il-ħlasijiet għandhom jiġu mnaqqsa mill-ammont annwali li l-imputat STEFAN ELLUL huwa intitolat jipperċepixxi.

Il-Qorti AWTORIZZAT wkoll lil MeltaUnipol Insurance Agency Limited jirċievu l-ħlas rispettiv msemmi mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputata li jispiċċa -3144 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Marse-Anne Farrugia, LLD), fid-9 ta' Lulju, 2021, li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' Lulju, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' STEFAN ELLUL.

Illum 9 ta' Lulju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

the bank account registered in the name of the accused ending in -3144 and held at the Bank of Valletta plc. That these payments shall be deducted from the annual amount that the accused STEFAN ELLUL is entitled to perceive.

The Court further AUTHORISES the MeltaUnipol Insurance Agency Limited to receive the mentioned payment from the bank account registered in the name of the accused ending in -3144 and held at the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Marse-Anne Farrugia, LLD), on the 9th July, 2021, which was published in the Government Gazette on the 20th July, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to STEFAN ELLUL.

Today 9th July, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1766

ARB/C068/2025 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-7 ta' Lulju, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni Numru 427/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

AMANDA QOSE, aġent tal-propjetà, ta' 26 sena, bint Edison u Matilda, imwielda Tirane, l-Albanija, fil-25 ta' Lulju, 1998, u residenti fi 92, Triq l-Imdina, Ħal Kirkop, u detentriċi ta' passaport Albaniż bin-numru BC5713100.

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fil-15 ta' Mejju, 2025, kontra l-imputata AMANDA QOSE qed tiġi limitata għas-somma ta' sitt elef u mitejn ewro (€6,200) bħala l-assi li għandhom ikunu suġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. B'dan illi l-proprjetà l-oħra tal-imputata ma għandhiex titqies bħala li tkun suġġetta għall-ordni tal-iffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u

ARB/C068/2025 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 7th July, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 427/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

AMANDA QOSE, estate agent, 26 years, daughter of Edison and Matilda, born in Tirane, Albania, on the 25th July, 1998, and residing at 92, Triq l-Imdina, Ħal Kirkop, and holder of an Albanian passport bearing number BC5713100.

The Court ORDERED that the seizing and freezing order issued on 15th May, 2025 against the accused AMANDA QOSE is being limited to the sum of six thousand and two hundred euro (€6,200) as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction. That the other property of the accused shall not be considered as being subject to the seizing and freezing order.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree

ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Gabriella Vella, LLD), fil-15 ta' Mejju, 2025, li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-20 ta' Mejju, 2025, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' AMANDA QOSE.

Illum 9 ta' Lulju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD) on the 15th May, 2025, which was published in the Government Gazette on the 20th May, 2025, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to AMANDA QOSE.

Today 9th July, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1767

Bandu għall-kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-9 ta' Jannar, 2023, fuq talba ta' Rosario Gatt ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw is-sid mhux magħruf fl-atti taċ-ċedola numru 4347/2022 fl-ismijiet Rosario Gatt vs Kuraturi Deputati u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depozitu ta' Rosario Gatt (KI 849754M) vs Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tas-sidien injoti tar-rabga f'Wied is-Sewda limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Diċembru, 2022, fejn Rosario Gatt espona bir-rispett:

Illi l-esponenti ilu jaħdem raba' f'Wied is-Sewda, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, liema raba' llum l-esponent wiret permezz ta' titolu ta' qbiela mingħand id-defunt Emanuele Borg;

Illi l-qbiela hija ta' €18.63 u li dejjem għandha titħallas fil-15 ta' Awwissu ta' kull sena;

Illi l-esponent irid jiddepożita l-qbiela dovuta għas-snin 2006 sas-sena 2022 skont il-liġi.

Għaldaqstant, l-esponent, sabiex jeżimi ruħu minn kull responsabbiltà, qed jadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istess jgħaddi sabiex jiddepożita s-somma ta' €271.18 għall-qbiela taż-żmien fuq indikat li flimkien mal-ispejjeż ta' €45.53 jammontaw għas-somma totali ta' €316.71 sabiex din is-somma tista' tiġi libermaent rilaxxata minn dawk li għandhom titolu ta' sidien skont il-liġi u dan wara li dawn iħallu d-debita riċevuta skont il-liġi.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Court Marshall

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 9th January, 2023, following a request by Rosario Gatt it was ordered that Deputy Curators be selected to represent the interests of the unknown owners o9f the fields of Wied is-Sewda in the limits of Ħaz-Zebbug in the acts of the schedule of deposit number 4347/2025 in the names Rosario Gatt vs Deputy Curators and in other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 27th December 2022, in the names Rosario Gatt (ID 849754M) vs Deputy Curators to represent the interests of the unknown owners of the fields in Wied is-Sewda limits of Ħaż-Żebbuġ, the applicant Rosario Gatt respectfully submitted:

That the applicant has been working the fields in Wied is-Sewda, limits of Ħaż-Żebbuġ, which fields today the applicant inherited by means of a title of agricultural lease from the deceased Emanuele Borg;

That the agricultural lease is of €18.63 and is to be paid on the 15th August of each year;

That the applicant has to deposit the agricultural rent due for the years 2006 till the year 2022 according to law.

Thus, the applicant, in order to exempt himself from any responsibility, is calling upon this Honourable Court and under its authority passes on to deposit the sum of €271.18 for the agricultural rent of the time above indicated which together with the expenses of €45.53 amount to the total sum of €316.71 so that this sum can be freely withdrawn by those who have the title of owners according to law and this after they leave the due receipt according to law.

Esponenti: Stelli House, Triq il-Kosbor, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla tal-Qorti, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dott. Leonard Caruana, LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 9 ta' Jannar, 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: Stelli House, Triq il-Kosbor, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to post a copy of these banns in the entrance of the court and call upon whoever wishes to act as curator to appear within six (6) days in this registry and file a note with a declaration that he is prepared to act as such.

You are also ordered to inform everyone that if there is no such declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Leonard Caruana, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above-mentioned Court.

Today 9th January, 2023

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 10th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1768

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju, 2025, fuq talba ta' Maria Dolores Bianco ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw is-sid mhux magħruf fl-atti taċ-ċedola numru 1051/2025 fl-ismijiet Maria Dolores Bianco vs Kuraturi Deputati u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu ta' Maria Dolores Bianco (KI 528950M) vs Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tad-defunt Laurence Montebello, ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' Mejju, 2025, fejn Maria Dolores Bianco esponiet bir-rispett:

Illi hija tikri l-fond bl-indirizz 42, Triq id-Dejma, Il-Fgura, kif ukoll ir-raba' sitwata fiż-żona Ta' Begħlin fil-limiti tal-Fgura;

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Court Marshall

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 19th May, 2025, following a request by Maria Dolores Bianco it was ordered that deputy curators be selected to represent the unknown owner in the acts of the schedule of deposit number 1051/2025 in the names Maria Dolores Bianco vs Deputy Curators and in other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 16th May 2025, in the names Maria Dolores Bianco (ID 528950M) vs Deputy Curators to represent the interests of the late Laurence Montebello, the applicant Maria Dolores Bianco respectfully submitted:

That she rents the premises with address 42, Triq id-Dejma, Fgura, as well as the land situated in the area Ta 'Begħlin in the limits of Fgura;

Illi l-esponenti dejjem ħallset il-kirjiet ta' dawn iż-żewġ artijiet lill-Perit Laurence Montebello. Illi hija ġiet magħrufa illi l-intimat llum ġie nieqes u l-eredi tiegħu mhumiex magħrufa;

Illi l-esponenti tikri l-fond fl-indirizz 42, Triq id-Dejma, Il-Fgura, għas-somma ta' €195 fis-sena u r-raba' sitwata fiż-żona Tal-Begħlin fil-limiti tal-Fgura għas-somma ta' €5 fis-sena u ċoè għas-somma komplessiva ta' €200 kull sena.

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħda sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà u qed tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u qed tiddepożita taħt l-awtorità tagħha l-ammont ta' €151.15 li flimkien mas-somma ta' €48.85 spejjeż tal-preżenti jammontaw għas-somma ta' €200 rappreżentanti kera kif hawn ingħad sabiex l-istess tiġi liberament żbankata minn kull min għandu interess wara li titħalla d-debita riċevuta.

Esponenti: 79, Mike Door, Triq il-Bieb, Il-Fgura

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla tal-Qorti , u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dott. Monica Vella, LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 19 ta' Mejju, 2025

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That the applicant always paid the rent of these two lands to Architect Laurence Montebello. That it was known that the respondent today died and his heirs are unknown;

That the applicant leases the premises at the address 42, Triq id-Dejma, Fgura, for the sum of €195 per year and the land situated in the area of Begħlin in the limits of Fgura for the sum of €5 per year and namely for the total sum of €200 per year.

Thus, the applicant is abstaining from any responsibility and is calling upon this Honourable Court and is depositing under its Authority the amount of €151.15 which together with the sum of €48.85 costs of the present amount to the sum of €200 representing rent as stated so that the same is freely withdrawn by whoever has an interest after the due receipt is left.

Applicant: 79, Mike Door, Triq il-Bieb, Fgura

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to post a copy of these banns in the entrance of the court and call upon whoever wishes to act as curator to appear within six (6) days in this registry and file a note with a declaration that he is prepared to act as such.

You are also ordered to inform everyone that if there is no such declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Monica Vella, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above-mentioned Court.

Today 19th May, 2025

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 10th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1769

Bandu għall-kuraturi

Repubblika ta' Malta

Banns for Curators

Republic of Malta

Lill-Marixall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-13 ta' Ġunju, 2025, fuq talba ta' Chiara Dimech ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1219/2025 fl-ismijiet Chiara Dimech vs Kuraturi Deputati u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu ta' Chiara Dimech (KI 0022498M) vs Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa, ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Ġunju, 2025, fejn Chiara Dimech (KI 0022498M) esponiet bir-rispett:

Illi l-esponenti hija l-proprjetarja tad-dar bin-numru 52 ġja mingħajr numru bl-isem Rose fi Triq il-Papa Piju XII, f'Birkirkara xi drabi indikat bħala Ħal Balzan, kif suġġetta għar-rata tagħha ta' ċens u subċens inkluża l-arja relattiva, usque ad coelum u s-sottoswol, liema dar kienet oriġinarment tifforma parti minn korp ta' bini li kien jikkonsisti fi tlett idjar u ċjoè d-dar b'żewġ bibien bl-isem Violet u Iris, dar bl-isem Rose u dar bl-isem Lily, ilkoll konfinanti bħala korp ta' bini wieħed mil-Lvant mal-imsemmija Triq, min-Nofsinhar ma' beni ta' John Farrugia jew l-aventi kawża u mit-Tramuntana ma' beni ta' Francesco Mallia, jew l-aventi kawża jew irjieħ verjuri;

Illi r-rata surreferita hija dik ta' tlettax-il lira Sterlina, dsatax-il xelin u ħames soldi u nofs (€13.19.5½) ekwivalenti għal ċirka Lm14 u għaldaqstant ekwivalenti għal ċirka €32.61;

Illi l-intimati huma d-direttarji u għalhekk din is-somma qiegħda titħallas lilhom jew min minnhom.

Għaldaqstant, l-esponenti tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u qed tiddepożita taħt l-awtorità tagħha l-ammont ta' €163.05, liema somma tista' tiġi liberament żbankata mill-intimati jew minn minnhom dan wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: Rose, Triq il-Papa Piju XII, Birkirkara

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla tal-Qorti , u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

To the Court Marshall

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 13th June, 2025, following a request by Chiara Dimech it was ordered that Deputy Curators be selected to represent the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number 1219/2025 in the names Chiara Dimech vs Deputy Curators and in other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 10th June, 2025, in the names Chiara Dimech (ID 0022498M) vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners, the applicant Chiara Dimech respectfully submitted:

That the applicant is the owner of the house with number 52 previously without number with the name Rose in Triq il-Papa Piju XII, in Birkirkara sometimes indicated as Ħal Balzan, as subject to its rate of groundrent and sub-groundrent including the relative airspace, usque ad coelum and the subsoil, which house originally formed part of a block of buildings which consisted of three houses and namely the house with two doors with the names Violet and Iris, house named Rose and house named Lily, all bordered as a block of buildings one from the East with the said street, from the South with property of John Farrugia or successors in title and from the North with property of Francesco Mallia, or successors in title or more precise boundaries;

That the rate above mentioned is that of thirteen pounds sterling, nineteen shillings and five and a half pence (€13.19.5 ½) equivalent to about Lm14 and thus equivalent to about €32.61;

That the respondents are the direct owners and thus this sum is being paid to them or either of them.

Thus, the applicant is calling upon this Honourable Court and is depositing under its Authority the amount of €163.05 which sum can be freely withdrawn by the respondents or by any of them after leaving the due receipt according to law.

Applicant: Rose, Triq il-Papa Piju XII, Birkirkara

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to post a copy of these banns in the entrance of the court and call upon whoever wishes to act as curator to appear within six (6) days in this registry and file a note with a declaration that he is prepared to act as such.

You are also ordered to inform everyone that if there is no such declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dott. Gabriella Vella, LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 13 ta' Ġunju, 2025

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Gabriella Vella, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above-mentioned Court.

Today 13th June, 2025

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 10th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1770

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Mejju, 2025, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1013/2025, fl-ismijiet Reevs vs Charlon Scicluna, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Charlon Scicluna a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti

Illum 5 ta' Marzu, 2025

Lil Charlon Scicluna (KI 94278M) ta' 71, Triq il-Kbira, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti ittra ufficjali, Reevs (P1470) ta' 31 (qabel numru 236). Triq Taħt l-Irdum, Sta Maria Estate, Il-Mellieħa, filwaqt li tagħmel riferenza għal survey li sar minn Med Design Associates, li kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. X, terġa' tgħarrfek formalment illi bil-bini tal-ħajt divożorju, u kif ukoll bil-bini ta' garaxx u bini fil-livell ta' basement, u kif ukoll bil-bini ta' spazju ieħor fil-livell sotterran, saret invażjoni għal ġol-proprjetà tal-mittenti.

Illi inti għalhekk qiegħed tiġi interpellat sabiex fi żmien xahar mid-data ta' din l-ittra tiżgombra minn fuq il-proprjetà tal-mittenti u terġa' tibni l-ħajt divżorju fil-linja li tiddemarka l-qasam bejn il-plott numru 235 u l-plott numru 236.

Fin-nuqqas li tagħmel dan entro t-terminu lilek prefiss se jiġu istitwiti kontrik l-opportuni prożeduri ġudizzjarji mingħajr preavviż ulterjuri.

Tant biex tagħraf timxi u bl-ispejjeż.

By means of a decree of the 29th May, 2025, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 1013/2025, in the names Reevs vs Charlon Scicluna, the following publication for the purpose of service of the respondent Charlon Scicluna was ordered in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 5th March, 2025

To Charlon Scicluna (ID 94278M) of 71, Triq il-Kbira, Mosta

With the present judicial letter, Reevs (P1470) 31 (formerly No 236), Triq L-Irdum, Sta Maria Estate, Mellieħa, whilst referring to a survey carried out by Med Design Associates, a copy of which is hereby attached and marked as Doc. X, once again formally informs you that with the construction of the dividing wall, as well as with the construction of a garage and building at basement level, as well as with the construction of another space at underground level, an invasion was made into the property of the interpellant.

You are thus being solicited so that within one month from the date of this letter you vacate the property of the interpellant and rebuild the dividing wall in the line which demarcates the field between plot number 235 and plot number 236.

If you fail to do this within the time given to you, the opportune judicial procedures will be instituted against you without further notice.

So much so that you may know how to proceed and with costs.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 10 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 10th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1771

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' April, 2025, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 460/2025, fl-ismijiet Susanna Bezzina vs Vincent Farrugia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Vincent Farrugia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti

Illum 31 ta' Jannar, 2025

Lil Vincent Farrugia, 60, Triq Joseph Stivala, Paola

Permezz tal-preżenti ittra ufficjali, Susanna Bezzina (KI 104963M) bħala s-sid tal-proprjetà numru 60, Triq Joseph Stivala, Paola, u Concetta sive Cettina Farrugia (KI 541537M) għal kull interess li jista' jkollha jagħmlu referenza għall-fatt li huma kienu jikru l-fond inkwistjoni lil ommok Concetta Farrugia.

Illi ġie a konjizzjoni tal-mittenti illi ommok Concetta Farrugia ġiet nieqsa fis-17 ta' Mejju, 2024. Madanakollu l-pussess tal-fond ma ġiex sal-lum ritornat lill-mittenti u dan mingħajr l-ebda raġuni valida;

Illi għalhekk il-mittenti qegħdin formalment jinterpellawk sabiex immedjatment u fi kwalunkwe każ sa mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem mid-data ta' din l-ittra tirritorna l-pussess tal-fond lill-mittenti u għalhekk tagħti lura ċ-ċwievet kollha tal-istess lill-mittenti;

Illi fin-nuqqas li inti tagħmel dak li ġie rikjest lilek, il-mittenti sejrin jintavolaw proċeduri kontrik għar-ripresa tal-imsemmi fond u dan mingħajr l-ebda preavviż ieħor.

Bl-ispejjeż kontrik u b'riserva għal drittijiet tal-mittenti inkluż dritt ta' azzjoni għall-ħlas ta' danni kunsidrat telf ta' kera u użu tal-fond imsemmi.

By means of a decree of the 11th April, 2025, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 460/2025, in the names Susanna Bezzina vs Vincent Farrugia, the following publication for the purpose of service of the respondent Vincent Farrugia was ordered in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

